**15 ta' Diċembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

**Avukat Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea ne.**

*versus*

**Lorenzo Said**

**Kontijiet — Amministrazzjoni — Eċċezzjoni — Proċedura**

*Eċċezzjoni f'kawża, li ma tkunx waħda minn dawk li għandha tingħata fil-bidu nett tal-kawża, tista' tiġi mogħtija anki fil-kors tal-kawża; salv il-kap tal-ispejjeż, jekk dan ikun żdied minħabba li l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet mogħtija fil-mument opportun.*

*Min jidhirlu li l-amministratur tal-beni tiegħu jkun 'nkassa xi flus u jkun trid li l-amministratur jagħtieh dawn il-flus, ma għandux jikkalkola kemm l-amministratur seta' nkassa mill-beni hekk amministrati u jitlob il-kundanna tal-amministratur biex iħallsu s-somma hekk minnu kalkulata, u lanqas li ssir likwidazzjoni mill-Qorti tal-flus hekk inkassati mill-amministratur; imma għandu jaġixxi kontra l-amministratur b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti u jitlob li l-amministratur jiġi kundannat biex fi żmien li jiġi lilu prefiss mill-Qorti jirrendilu kont ġust u fidil tal-ġestjoni tiegħu, u illi, jekk jiskadi inutilment dan it-terminu, huwa jkun ammess jippreżenta l-kont huwa stess; jew, jekk l-attur huwa stess ikun ippreżenta l-kont maċ-ċitazzjoni, jitlob li in difett tal-ewwel domanda, il-kont minnu mogħti jiġi debitament approvat, salv, skond il-liġi, li huwa, ammess li jirrendi l-kont huwa stess, jikkonfermah bil-ġurament.*

*Jekk dik il-proċedura ma tiġix segwita, l-amministratur konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li jippremetti li l-konkonvenut inkassa xi kera, ossija parti minn kera, relattiv għall-post 17 Saint Thomas Street, Floriana, u għall-mezzanin 57 Cappuccini Street, Floriana, ta' pertinenza tal-attur nomine; u illi, non ostante ħafna nterpellazzjonijiet

lill-konvenut da parti tal-attur nomine biex jiġi għall-likwidazzjoni tal-flus li huwa daħħal, u li huma dovuti lill-istess George Said, l-istess konvenut baqa' ma ġiex; u illi huwa, mill-kalkoli li għamel, jgħid li l-konvenut inkassa ċirka £40 dovuti lill-attur nomine; jitlob illi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jħallas lill-attur nomine s-somma ta' £40 jew kull ammont ieħor verjuri, akbar jew iżgħar, li jiġi fissat minn din il-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi d-domandi huma nfondati. Huwa silef £100 lil ħuħ Ġorġ Said, u dan awtorizzah iżomm il-kera tal-fondi sakemm jitħallas;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenut li biha jeċċepixxi ulterjorment illi l-kawża hi magħmula ħażin. L-attur jippretendi li huwa għandu jirrendi kont tal-pretiżi nkassi ta' amministrazzjoni li huwa żamm; għalhekk, bla preġudizzju tal-eċċezzjoni preċedenti, jeċċepixxi li l-kawża hi irrita, għax it-talba messha tkun għal reża ta' kontijiet, għax jista' jirriżulta li mill-kera li daħħal saru spejjeż li jridu jiġu prelevati; għalhekk it-talba, kif magħmula, għall-ħlas ta' somma ta' kera, mhix magħmula sewwa, iżda għandha tkun talba għall-kontijiet;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Illi b'din l-eċċezzjoni l-konvenut jissottometti li l-kawża hi magħmula ħażin u li hija ntempestiva, għar-raġuni li l-attur, minflok ma talab il-ħlas tal-ammont li huwa jikkalkola li l-konvenut daħħal bħala kera dovut lilu mill-fondi ndikati fiċ-ċitazzjoni, kien messu jitlob ir-reża tal-kontijiet tal-amministrazzjoni tal-istess fondi miżmuma mill-konvenut;

Illi l-attur jissottometti li l-konvenut mhuwiex intitolat jissolleva din l-eċċezzjoni ulterjuri f'dan l-istadju tal-kawża, ċjoè wara li kien eċċepixxa l-infondatezza tad-domandi tal-attur, imma l-istess kien messu ssollevaha "in limine litis";

Din is-sottomissjoni tal-attur mhix sostenibbli. L-eċċezzjoni tal-konvenut mhix waħda li neċessarjament għandha tingħata fil-bidu nett tal-kawża, u tista' tiġi sollevata mill-konvenut fil-kors tal-kawża, salv il-kap tal-ispejjeż, jekk dan ikun żdied minħabba li l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet mogħtija fil-mument opportun. Del resto, din l-eċċezzjoni l-konvenut issollevaha appena nsorġiet l-okkażjoni, ċjoè meta sar jaf preċiż x'kien qiegħed jippretendi l-attur;

Illi l-istess eċċezzjoni ulterjuri għandha tiġi milqugħa. L-istitut tar-rendiment u tal-likwidazzjoni tal-frottijiet ġie ntrodott bl-Ordinanza nru. IX tal-1886, fuq l-eżempju tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Il-liġi tittratta (1) mill-forma tar-rendikont, (2) mill-azzjoni għar-riskossjoni tal-bilanċ meta jkun hemm avanz favur dak li lilu jiġi mogħti l-kont, (3) mill-azzjoni tal-impunjazzjoni tal-kont, (4) mill-azzjoni għall-approvazzjoni tal-kont li tikkompeti lil min jirrendi l-kont, (5) u mill-azzjoni għall-otteniment tal-kont. Fil-każ in diżamina jittratta minn l-aħħar waħda minn dawn l-azzjonijiet, billi l-attur qiegħed jitlob li l-konvenut, li, kif jesponi fin-nota tiegħu fol. 30, għandu f'idejh l-amministrazzjoni tal-beni tiegħu, jiġi kundannat iħallsu £40, jew somma oħra verjuri likwidabbli mill-Qorti, li huwa nkassa minn dik l-amministrazzjoni. Però, il-liġi tispeċifika l-proċedura li għandu jsegwi min ikun jidhirlu li l-amministratur tal-beni tiegħu ikun inkassa xi flus u jkun irid li l-amministratur jagħtieh dawn il-flus. Huwa ma għandux jikkalkola kemm l-amministratur seta' nkassa mill-beni minnu amministrati u jitlob il-kundanna tal-amministratur biex iħallas is-somma hekk minnu kalkulata, u lanqas li ssir likwidazzjoni mill-Qorti tal-flus hekk inkassati mill-amministratur. Għall-kuntrarju, skond il-liġi, il-kreditur f'dan il-każ għandu jaġixxi kontra l-amministratur b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti u jitlob li l-amministratur jiġi kundannat biex fi żmien li jiġi prefiss mill-Qorti jirrendilu kont ġust u fidil tal-ġestjoni tiegħu, u li jekk

dan it-terminu jiskadi inutilment, huwa jkun ammess jippreżenta l-kont huwa stess; jew, jekk huwa stess ikun ippreżenta l-kont maċ-ċitazzjoni, jitlob li in difett tal-ewwel domanda il-kont minnu mogħti jiġi debitament approvat, salv, skond l-istess liġi, li huwa, ammess li jirrendi huwa stess il-kont, jikkonfermah bil-ġurament. Din il-proċedura l-attur ma segwijhiex, u kwindi ċ-ċitazzjoni hi irrita, u l-azzjoni kif proposta, għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' somma likwidabbli, hi ntempestiva;

Illi ma jirriżultax li l-ispejjeż ġew awmentati billi l-eċċezzjoni ulterjuri ma ġietx sollevata mill-bidu nett;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-istess eċċezzjoni, u konsegwentement tillibera l-konvenut "ab observantia"; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.